



Google ma kisritx id-dritt tat-trade marks meta ppermettiet lil dawk li jirreklamaw li jixtru kliem prinċipali li jikkorrispondu għat-trade marks tal-kompetituri tagħhom

Dawk li jirreklamaw, min-naħa tagħhom, ma jistgħux, permezz ta' tali kliem prinċipali, juru permezz ta' Google reklami li ma jippermettux lill-utenti tal-Internet jifhmu faċilment mingħand liema impriża ġejjin il-prodotti jew is-servizzi msemmija fir-reklam

Id-dritt Komunitarju tat-trade marks¹ jintitola, taħt ċerti kundizzjonijiet, lill-proprietarji ta' trade marks li jipprojbixxu lil terzi milli jużaw sinjali identiċi jew li jixxiebhu mat-trade marks tagħhom għal prodotti jew servizzi ekwivalenti għal dawk li għalihom huma rreġistrati.

Google topera mutur ta' riċerka fuq l-Internet. Meta utent tal-Internet jagħmel riċerka fuq il-bażi ta' waħda jew iktar kliem prinċipali, il-mutur ta' riċerka ser juri s-siti li jidhru li l-iktar jikkorrispondu għal dawn il-kliem prinċipali f'ordni dixxendenti ta' rilevanza. Dawn jirrigwardaw l-imsejja riżultati "naturali" tar-riċerka.

Barra minn hekk, Google tipproponi servizz ta' referenzer bi f'las imsejja "AdWords". Dan is-servizz jippermetti lil kull operatur ekonomiku li juri link pubbliċitarju għas-sit tiegħu permezz tal-għażla ta' waħda jew iktar kliem prinċipali - fil-każ li din jew dawn il-kliem prinċipali jaqblu ma' dik jew dawk inklużi fit-talba magħmula mill-utent tal-Internet fil-mutur ta' riċerka. Dan il-link pubbliċitarju jidher fit-taqsim "liens commerciaux" (links sponsorjati), li tidher jew fuq in-naħa tal-lemin tal-iskrin, lejn il-lemin tar-riżultati naturali, inkella fuq in-naħa ta' fuq tal-iskrin, fuq dawn ir-riżultati.

Vuitton, proprietarja tat-trade mark Komunitarja "Vuitton" u tat-trade marks nazzjonali Franċiżi "Louis Vuitton" u "LV", Viaticum, proprietarja tat-trade marks Franċiża "Bourse des Vols", "Bourse des Voyages" u "BDV", kif ukoll P. A. Thonet, proprietarju tat-trade mark Franċiża "Eurochallenges", ikkonstataw li, meta jintuża l-mutur ta' riċerka ta' Google, id-dħul mill-utenti tal-Internet tal-kliem li jikkostitwixxu dawn it-trade marks kien juri, fit-taqsim "liens commerciaux", link għal, rispettivament, siti li jipproponu imitazzjonijiet ta' prodotti ta' Vuitton u għal siti ta' kompetituri ta' Vuitton u ta' Centre national de recherche en relations humaines. Għaldaqstant, huma f'arrku lil Google sabiex jiġi kkonstatat li din tal-aħħar kienet ippreġudikat it-trade marks tagħhom.

Il-Cour de cassation, li kienet qiegħda tiddeċiedi fl-aħħar istanza fil-proċeduri mibdija minn proprietarji ta' trade marks kontra Google, staqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja fuq il-legalità tal-użu, bħala kliem prinċipali fil-kuntest ta' servizz ta' referenzer fuq l-Internet, ta' sinjali li jikkorrispondu għal trade marks, mingħajr ma jkun ingħata l-kunsens tal-proprietarji tagħhom.

Fuq l-użu ta' kliem prinċipali li jikkorrispondu għal trade marks ta' f'addieħor fil-kuntest ta' servizz ta' referenzer fuq l-Internet

Il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li meta jinx tara s-servizz ta' referenzer u meta jintgħażel bħala kelma prinċipali sinjal li jikkorrispondu għal trade mark ta' f'addieħor, bil-għan li tiġi proposta lill-utenti tal-Internet alternattiva għall-prodotti jew għas-servizzi tal-imsejmi proprietarju, min jirreklama juża

¹L-ewwel Direttiva 89/104/KEE tal-Kunsill, tal-21 ta' Diċembru 1988, biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 92 – 98), Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, tal-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarju (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 146 – 180).

dan is-sinjal fir-rigward tal-prodotti jew tas-servizzi tiegħu. Madankollu, dan mhuwiex il-każ fir-rigward tal-fornitur tas-servizz ta' referenzar, meta jippermetti lil dawk li jirreklamaw li jagħżlu sinjali identiċi għal trade marks bħala kliem prinċipali, iżomm dawn is-sinjali u juri r-reklami tal-klijenti tiegħu fuq il-bażi tagħhom.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tispeċifika li l-użu ta' sinjal identiku jew li jixxiebha mat-trade mark tal-proprietarju minn terz jimplika, tal-inqas, li dan tal-aħħar juża s-sinjal fil-kuntest tal-komunikazzjoni kummerċjali tiegħu. Fil-każ ta' fornitur ta' servizz ta' referenzar, huwa jippermetti lill-klijenti tiegħu, jiġifieri dawk li jirreklamaw, li jużaw sinjali identiċi jew li jixxiebh mat-trade mark, mingħajr ma juża l-imsemmija sinjali huwa stess.

Jekk trade mark ġiet użata bħala kelma prinċipali, il-proprietarju tagħha ma jistax għaldaqstant jinvoka d-dritt esklużiv li jirriżulta mit-trade mark tiegħu kontra Google. Min-naħa l-oħra, huwa jista' jinvoka dan id-dritt kontra dawk li jirreklamaw li, permezz tal-kelma prinċipali li tikkorrispondi għat-trade mark tiegħu, juru permezz ta' Google reklami li ma jippermettux lill-utent tal-Internet medju, jew jippermettulu b'mod diffiċli, li jkun jaf mingħand liema impriża ġejjin il-prodotti jew is-servizzi msemmija fir-reklam.

Fil-fatt, f'tali sitwazzjoni - ikkaratterizzata mill-fatt li r-reklam inkwistjoni jidher minnufih wara d-dħul tat-trade mark bħala kelma ta' riċerka mill-utent tal-Internet ikkonċernat u jintwera fil-mument meta t-trade mark tintwera wkoll, bħala kelma ta' riċerka, fuq l-iskrin - l-utent tal-Internet jista' jifitxkel fuq l-orijini tal-prodotti jew tas-servizzi inkwistjoni. Għaldaqstant hemm preġudizzju għall-funzjoni tat-trade mark li tikkonsisti li tiggarantixxi lill-konsumaturi l-provenjenza tal-prodotti jew tas-servizzi (il-“funzjoni ta' indikazzjoni ta' orijini” tat-trade mark).

Hija l-qorti nazzjonali li għandha teżamina, individwalment f'kull każ, jekk il-fatti tal-kawża li għandha quddiemha humiex ikkaratterizzati minn preġudizzju, jew riskju ta' preġudizzju, għall-funzjoni ta' indikazzjoni ta' orijini.

Fir-rigward tal-użu, minn dawk li jirreklamaw fuq l-Internet, tas-sinjal li jikkorrispondi għat-trade mark ta' ħaddieħor bħala kelma prinċipali għall-finijiet tal-wiri ta' messaġġi pubbliċitarji, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra wkoll li dan l-użu jista' jkollu ċerti riperkussjonijiet fuq l-użu pubbliċitarju tal-imsemmija trade mark mill-proprietarju tagħha kif ukoll fuq l-istrateġija kummerċjali tiegħu. Madankollu, dawn ir-riperkussjonijiet tal-użu tas-sinjal identiku għat-trade mark ta' terzi ma jikkostitwixxux fihom infushom preġudizzjoni għall-“funzjoni ta' reklamar” tat-trade mark.

Fuq ir-responsabbiltà tal-fornitur tas-servizz ta' referenzar

Il-Qorti tal-Ġustizzja ġiet mistoqsija wkoll fuq ir-responsabbiltà ta' operatur bħal Google għad-data tal-klijenti tiegħu li huwa jżomm fuq is-server tiegħu.

Il-kwistjonijiet ta' responsabbiltà huma rregolati bid-dritt nazzjonali. Madankollu, id-dritt tal-Unjoni jipprovdi limitazzjonijiet ta' responsabbiltà favur fornituri intermedjarji ta' servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni.²

Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk servizz ta' referenzar fuq l-Internet, bħal “AdWords”, jikkostitwixxix servizz minn soċjetà tal-informazzjoni li jikkonsisti fiż-żamma ta' informazzjoni pprovduta minn min jirreklama u li, għaldaqstant, il-fornitur tas-servizz ta' referenzar jibbenefika minn limitazzjoni ta' responsabbiltà, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li hija l-qorti tar-rinvju li għandha teżamina jekk ir-rwol eżerċitat minn dan il-fornitur huwiex newtrali, jiġifieri li l-aġir tiegħu huwa sempliċement tekniku, awtomatiku u passiv, li jimplika n-nuqqas ta' tagħrif u ta' kontroll fuq l-informazzjoni li huwa jżomm.

² Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-8 ta' Ġunju 2000, dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 25, p. 399 – 414).

Jekk jirriżulta li huwa ma kellux rwol attiv, dan il-fornitur ma jistax jitqies responsabbli għad-data li huwa żamm fuq it-talba ta' min jirreklama sakemm, wara li sar jaf bin-natura illegali ta' din id-data jew tal-attivitajiet ta' dan min jirreklama, huma ma agġixxix mingħajr dewmien biex ineħħi jew iwaqqaf l-aċċess għall-imsemmi data.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att Komunitarju. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema identika.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

[It-test](#) sħiħ tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)." ☎ (+32) 2 2964106